MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 184/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Zammit)**
**Vs**

**Salvu Rotin**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-10.00 a.m., fl-ghalqa maghrufa bhala tal-Barumbara, li tinsab fir-Rahal il-Gdid fl-inhawi fuq wara tac-Cimiterju tal-Addolorata, faccata ta' St. Lucia:**
**1) biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lill-Karmenu Rotin fil-pussess ta' hwejjgu, ma hallihx jiehu l-ilma ghalih mill-bir li hemm fl-ghalqa**

**msemmija, w b'mod iehor, kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor;**
**2) hedded lill-Karmenu Rotin bi kliem;**
**3) hebb ghall-Karmenu Rotin biex idejqu w jaghmillu hsara;**
**4) ghamel storbju b'mod li kiser il-paci pubblika w il-mistrieh tan-nies.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100) filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni, tirrevokaha w thassaraha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-ewwel akkuza kif dedotta, w ghalhekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku xejn ma irriflettu jew jirrispekkjaw il-provi prodotti u hu ezercita d-diskrezzjoni tieghu li jemmen versjoni aktar minn ohra arbitrarjament . 2 Li r-relazzjoni tal-perit tekniku bl-ebda mod ma tinkrimina lill-appellant ghax hi nieqsa mill-elementi indispensabbli rikjesti mill-ligi kriminai senjatament l-artikolu 653 (2) tal-Kap.9 u l-Ewwel Qorti ddecidiet semplicement li taddotta r-rizultanzi peritali w ma mmotivatx is-sentenza taghha u dan bi ksur tad-dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. 3. Li l-ewwel Qorti qatt ma setghet sabet htija fuq il-provi meta rrizulta li l-kwerelant kien waqaf**

**jaghmel uzu mill-bir in kwistjoni meta dan gratlu l-hsara u liema hsara ma saritx ghal raguni imputabbli lill-appellant. 4 illi anki jekk kien hemm xi prova *prima facie* kontra l-appellant, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal biex issib htija ghax il-kaz ma giex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni . Kien hemm konflitt fil-provi fix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess li hija mimlija kontradizzjonijiet. 5. Illi ma rrizultawx l-erba elementi tar-ragion fattasi li jridu jissussistu kumulattivament u mhux b' mod alternattiv. 6 li gie skartat il-fatt li mill-1996 sal-24 ta' Novembru, 2000, Carmelo Rotin, il-kwerelant, ma kienx igawdi l-uzu tal-bir. 7 li l-appellant inghata kopja tas-sentenza biss fid-data li fiha kien jaghalaq it-terminu tal-appell minkejja diversi tentattivi li hu ghamel biex jinghata kopja tal-istess sentenza.**

**Semghet ix-xhieda;**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti ser tiddisponi fl-ewwel lok mill-ahhar aggravju (numru 7) li proprjament hu aktar lanjanza li hu ma nghatax kopja tas-sentenza biex ikun jista' jappella hlief fl-ahhar jum, milli aggravju kontra s-sentenza innifisha. Din il-Qorti ma ghandha ebda mezz kif tirmedja ghal dan l-istat ta' fatt li ta' sikwiet qed jissemma w jingieb a konjizzjoni taghha. Tista' biss tirrakkomanda lill-amministrazzjoni tal-Qrati tal-Magistrati biex tara li jkunu disponibbli kopji tas-sentenzi – meta dawn jintalbu minn imputati li jkunu jridu jappellaw jew mill-avukati taghhom – kemm jista' jkun malajr. Bis-sistema komputerizzata li tezisti llum m'ghandux ikun difficli wisq li tinhareg kopja informi**

**ta' sentenza, specjalment meta din tkun wahda pjuttost qasira bhal fil-kaz in ezami.**

**Illi ghar-rigward tal-ewwel zewg aggravji li jattakkaw il-mod kif il-perit wasal ghall-konkluzzjoni tieghu fir-relazzjoni, ghandu ragun josserva l-gharef prosekutur li l-appell odjern mhux mir-relazzjoni peritali imma mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u ghalhekk kull kritika diretta kontra r-relazzjoni ghandha biss valur li terga' tqanqal kwistjoni ta' apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, wara li tkun ezaminat il-provi traskritti w ghamlet l-apprezzament taghhom.**

**Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu**

**tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti li ngabru tul il-perizja li saret mill-AIC Valerio Schembri, u li jinsabu alligati (x' aktarx bi zball) fil-process l-iehor fl-istess ismijiet li qed jigi deciz illum (App. Nru. 183/05

JGD), biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe’ dik ta’ *ragion fattasi.*

Illi pero’ qabel xejn din il-Qorti trid tiddisponi mit-tieni aggravju u cioe’ li l-Ewwel Qorti ma mmotivatax id-decizjoni taghha ghas-sejbien ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni w li b’ hekk sar xi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali jew tad-drittijiet fondamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq.

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha** “Il-Pulizija vs. Stephen Desira” **[3.11.2005]** ***“…..hu risaput li fis-sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, fil-kompetenza taghha kontemplata fl-artikolu 370 (1) tal-Kodici Kriminali, ma hux mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata. Li hu importanti ad validitatem hu li, kif jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Huwa n-nuqqas ta’ xi wahda minn dawn it-tlitt rekwiziti li jwassal ghan-nullita’ tas-sentenza appellata, stante li jkun jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali.***

***Illi mill-ezami tal-istess sentenza jidher car li dawn it-tlitt rekwiziti gew kollha osservati u ghalhekk ma jidhirx li s-sentenza ghandha tigi annullata, kif qed jitlob l-appellant.***

***Illi umbaghad kull ma jghid l-artikolu 377 (1) tal-Kodici Kriminali hu li “meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza, il-Qorti, dak in-nhar stess, jekk jista’ jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkunndanna l-imputat.”***

***Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim’ Imhallef attwali fil-kawza*** *“Il-Pulizija vs. Albert Bezzina”* ***[25.7.1994] li addirittura la l-artikolu 377 (1) u anqas l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-magistrat; dak li trid il-ligi hu***

***li dak li jghid il-magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dan jissottolineja is-sommarjeta' li tipprevali fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kompetenza surreferita. Illi la mhux mehtieg li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat, ahseb u ara kemm mhux mehtieg li s-sentenza tkun motivata."***

**Ghalhekk dan l-ewwel aggravju in kwantu qed jirriferi ghan-nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza , qed jigi michud.**

**In kwantu dan l-aggravju jista' jidher li qed iqajjem kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali jew ta' xi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq kif salvagwardat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tiddikjara tali aggravju bhala wiehed frivolu w vessatorju.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif korrettement issottometta l-appellant fir-rikors tieghu l-elementi tar-reat in dizamina ta' ragion fattasi gew elenkati fil-gurisprudenza nostrana bhala li huma erbgha u cioe' :-**

**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;**
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**
**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "*di privato braccio*" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u**
**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**

**(Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" **[17.2.95] ;** "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" **, [6.6.95]** "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri**" [3.11.02] u ohrajn )**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mid-depozizzjoni tal-kwerelant** Carmelo Rotin **moghtija quddiem din il-Qorti jirrizulta li kien hemm ftehim bil-fomm li jirrisali ghas-sena 1998 l-bir juzawh it-tlieta u cioe' l-ahwa Rotin u Zaren Pace. Meta fid-data imsemmija fl-imputazzjoni, mar biex jiehu l-ilma, sab li l-appellant kien nehha l-horza li kien hemm fuq il-bir u minnflokha ghamel ghatu tal-hadid imdawwar bil-concrete u hu ma setax jgholli dan l-ghatu ghax kien tqil. L-appellant ma kienx hallieh jiehu ilma mill-bir. In kontroezami, x-xhud umbaghad qal li l-bir ma kienx vojt dak iz-zmien imma kien qed jirrangah l-appellant. Meta xehed quddiem il-Perit Schembri kien qal li hu dejjem kien ha l-ilma minn dan il-bir. Qal ukoll li mill-1996 il quddiem hu ma tellax ilma ghax l-imputat ma halliehx. Fl-24 ta' Novembru, 2000, ghall-habta tal-10.00 am meta marru jkejjlu it-tul tal-pipe li kien hemm bzonn, l-appellant ma hallihx, qabad jghajjat u cempel lit-tfal u ma hallihx jimla ilma, ghax il-bir kien sewwieh hu. Qallu ukoll li jekk kien ser igib bowser, hu (l-appellant) kien ser jibghatu lura.**

**Illi umbaghad mill-provi traskritti li ngabru quddiem il-Perit Valerio Schembri, fil-kors tad-diversi seduti jirrizulta is-segwenti :**

Saviour Rotin **, iben il-kwerelant, kien xehed li li matul dawn is-snin kollha huma dejjem kienu hadu l-ilma mill-imsemmi bir ghall-bidu bil-barmil u dan l-ahhar bil-pompi w dan biex isaqqu l-prodott agrikolu. Missieru, zijuh Zaren Pace u membri ohra tal-familja tieghu kienu juzaw il-bir regolarment. Mill-1998 sa meta kien qed jixhed ma hadux izjed ilma minhabba li l-bir kien maqsum u huh kien ftiehem mall-kugin Johnnie, iben l-appellant, li kellhom isewwuh flimkien. L-ahhar li hadu ilma kien fil-1996 , ghall-habta tal-elezzjoni ta' dak iz-zmien u dan ghax il-bir kien inqasam u ghalhekk ma baqax izomm l-ilma. Wara li ssewwa l-bir, marru jkejlu t-tul tal-pajpijiet li kellhom bzonn ghall-ghelieqi taghhom, u dan kien fil-24 ta' Novembru, 2000, fl-10.00 am u l-appellant ma**

**hallihomx jaghmlu dan. Hu dak il-hin kien qed izomm il-lenza mall-bir tal-barumbara u l-appellant kien qal lil missier ix-xhud, cioe' lill-kwerelant, biex ma jmissx l-ilma. Il-kwerelant kien wiegbu li hu ried jghid lil tal-*bowser* biex igib l-ilma halli jimlew il-bir imma l-appellant wiegbu li jekk jigi tal-*bowser* kien ser jerga' jibghatu lura.**

Alfred Spiteri **xehed li qabel il-bir kien juzah kullhadd u jaf li Carmelo Rotin il-kwerelant gieli gab bowser biex jimla l-bir u gieli dan kien jintela' bix-xita.**

Nazzareno Pace **xehed li ghalkemm fuq il-bir qatt ma ftehmu xejn, dejjem kienu uzawh it-tlieta li huma.**

Emmanuel Rotin**, tifel iehor tal-kwerelant xehed li kemm missieru kif ukoll hu stess u hutu , Zaren Pace u l-appellant kienu juzaw il-bir.**

Rita Muscat, **bint il-kwerelant, xehdet li missierha kemm il-darba tella l-ilma mill-bir u dan ratu hi stess u sahansitra hi uzat l-istess bir. L-istess kienu jaghmlu Zaren Pace u hutu.**

John Rotin**, iben il-kwerelant, xehed li il-bir jintuza minn kullhadd. L-arrangament dejjem hekk kien jiftakru u hu stess kemm il-darba ha l-ilma minnu. Pero' mill-1996 il-kwerelant Carmelo Rotin ma uzax il-bir peress illi skond Saviour Rotin il-bir gratlu l-hsara u skond il-kwerelant ghax ma halliehx l-appellant.**

**Meta xehed quddiem il-perit,** l-appellant **kien qal "*Qbizt jien u ghidtlu 'ilma fil-bir ma' twaddabx'."* u stqarr li hu kien waqqafhom milli jiehdu l-ilma mill-bir ghax il-bir kien tieghu u quddiemu qatt ma hadu ilma mill-bir.**

John Rotin**, iben l-appellant, xehed li missieru kien qal li l-bir kien tieghu u ilma minnhu ma jiehdux.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-istat ta' fatt li johrog minn dawn il-provi fuq in succinto riprodotti, fil-fehma ta' din il-Qorti jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-*"exercise of a pretended right*" jew *"ragion fattasi"*, ghax l-appellant, iddisturba l-istato quo li gie pruvat li kien jezisti fejn kullhadd kien jiehu mill-ilma tal-bir, billi waqqaf dan di proprio braccio u ghax kien jippretendi li ghandu dritt li jaghmel dan. Inoltre f' dan il-kaz kellu l-oppozizzjoni cara u manifesta tal-kwerelant u uliedu u xorta wahda baqa' ghaddej bl-agir tieghu. Illi l-azzjoni tal-appellant ma kellhiex ghalfejn tilledi xi dritt ta' proprjeta' imma bizzejjed li kienet tilledi xi tip ta' pussess jew uzu li l-kwerelant kellu fuq il-bir in kwistjoni, pussess jew uzu li fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta li kellu. Anki jekk l-appellant hu l-proprjetarju esklussiv tal-art fejn hemm il-bir jew tal-bir innifsu, ladarba haddiehor kien jezercita pussess jew uzu fuqu, il-mod kif seta' jtemm din il-prassi ma kienx li jiehu l-ligi f' idejn imma lil jekk hemm bzonn, jirrikorri ghall-magisterji tal-Qorti u jitlob , anki b' mandati kawtelatorji bhal mandati t' inibizzjoni, li l-kwerelant u terzi jiddezistu minn tali uzu jew pussess.**

**Illi kuntrarjament ghal dak li sostna l-abbli difensur fir-rikors tal appell u fit-trattazzjoni tieghu, jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina . Ma hemmx dubju li l-appellant ghamel att estrern li bih impedixxa lill-kwerelant milli jaghmel uzu mill-imsemmi bir. Irrizulta abbondantement li l-kwerelant ghal xi zmien qabel ma gie impedut milli juza l-bir fid-data msemmija fl-imputazzjoini, kellu l-uzu tal-istess bir, anki jekk ghal xi zmien dan l-uzu ma kienx qed isir ghax kien hemm xi hsara fil-bir u dan ma kienx qed izomm ilma. Illi anki jekk hu minnu li l-art fejn hemm il-bir tappartjeni lill-appellant u li l-bir hu tieghu biss, ladarba kien hemm ftehim – kif jirrizulta li kien hemm - li l-bir setghu juzawh, kif fil-fatt irrizulta li kienu juzawh, il-kwerelant u Zaren Pace, dan l-uzu ma setax jigi terminat mill-appellant *di proprio braccio* u minghajr ma jirrikorri ghall-magisteru tal-Qrati, jew b' citazzjoni jew ukoll b' mandati ta' inibizzjoni appoziti. Meta agixxa kif agixxa, l-appellant, anki jekk kien qed jagixxi hekk**

**biex jezercita dritt li kien qed jippretendi li kellu, ghamel dan kontra l-oppozizzjoni espressa tal-kwerelant u ha l-ligi b'idejh.**

Konsegwentement l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija tar-reat in disamina w din il-Qorti ma tarax li hemm raguni biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar minnha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------